# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 854/01/SM**

**V.J. Salamone (Consumer) Lines Limited**

**vs**
**Nicholson The Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mija u eba' u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu, (LM2164.15,0), liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata kif jidher mill-kopji tal-istatements annessi bhala Doks. A1 – A3;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u sekwestru li gew intavolati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta, li gie ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deherx, la fit-13 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**